VALLETTA CULTURAL AGENCY

# CULTURAL PROGRAMME

2026

# Hon. Owen Bonnici

**Kelmtejn mingħand il-Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali**
A word by the Minister for Culture, Lands and Local Government



**Il-ġid li l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta qed tagħmel għall-Belt Valletta, issa b'isimha mnaqqax fil-Kostituzzjoni ta' Malta bħala l-Belt Kapitali ta' pajjiżna, huwa kbir u minnu se jkomplu jgawdu l-ġenerazzjonijiet ta' għada. Jien tassew kburi bix-xogħol siewi ta' din l-Aġenzija mmexxija mis-Sur Jason Micallef, u t-tim formidabbli tiegħu.**

**B'mod professjonali, u b'imħabba kbira għall-Belt Valletta, il-VCA xprunat, u qed tkompli tindokra, riġenerazzjoni soċjali, kulturali u ekonomika fil-Kapitali ta' Malta.**

**Is-suċċess tal-Aġenzija huwa rifless f'Belt isbaħ, mimlija ħajja u attività kuljum, mit-Tnejn sal-Ħadd, vibranti u dinjituża, b'rispett sħiħ lejn il-kobor storiku tagħha, u r-residenti li huma l-qalb tħabbat ta' din il-Belt unika.**

**Insemmu biss ftit mill-ħafna proġetti li wettqet il-VCA u li l-Maltin, u t-turisti, ikkonkorrew għalihom b'entużjażmu kbir: il-kunċert L-Għanja li Ħadd ma Jsikket: Ray Mahoney,**

**il-Valletta Green Festival, il-Valletta Pageant of the Seas, Opera in the Capital, il-Valletta Local Food Festival, ir-Requiem' ta' Verdi, Christmas in the Capital u l-avveniment tal-aħħar tas-sena.**

**L-avveniment tal-aħħar tas-sena kien suċċess straordinarju, b'aktar minn 70,000 persuna jagħżlu li jsellmu lill-2025, u jilqgħu s-sena l-ġdida fil-Belt Valletta.**

**Imbagħad kien hemm attivitajiet oħrajn li tellgħet il-VCA, attivitajiet ġewwa Strada Stretta, dawk tal-Valletta Design Cluster u proġetti oħra bħal produzzjonijiet teatrali u kunċerti f'kollaborazzjoni mal-Malta Philharmonic Orchestra, li kollha intlaqgħu b'mod tajjeb.**

**Il-programm tal-VCA għal din is-sena l-ġdida huwa garanzija ta' sena oħra ta' suċċess, attivitajiet għal kulħadd, ħidma ma taqta' xejn minn Aġenzija ħawtiela li qed, kulma jmur, issebbaħ il-ġojjel uniku li hija l-Belt Valletta.**

I am deeply grateful for the sterling work done by the Valletta Cultural Agency. Led by Jason Micallef and his formidable team, this Agency is increasingly giving Valletta, whose status as Malta's capital city is now enshrined in the Constitution, the dignity it deserves.

At the core of the work done by the Agency is passion and love for Malta's capital city, as it continues to drive social, cultural, and economic regeneration in Valletta.

Since 2013, Valletta has undergone a remarkable change for the better, and the Valletta Cultural Agency has been pivotal in ensuring a vibrant capital city, respectful to its historical uniqueness and splendour, and to its residents, but alive and with the most joyful and colourful of concerts and events.

Thousands of Maltese and tourists attended the well organised, and highly professional concerts, and events by the VCA, including the concert L-Għanja li Ħadd ma Jsikket: Ray Mahoney, the Valletta Green Festival, the Valletta Pageant of the Seas, Opera in the Capital, Valletta Local Food Festival, Verdi's Requiem, Christmas in the Capital and most recently the New Year's Eve event, attended by an impressive crowd of 70,000 people of all ages.

Other notable events by the VCA were those held in Strada Stretta, at the Valletta Design Cluster, as well as concerts in collaboration with the Malta Philharmonic Orchestra.

The Agency's 2026 cultural programme guarantees yet another successful year in the Capital, to which I look forward, as will the people of Malta, and the tourists who choose Malta and Valletta as their preferred travel destination.

# Jason Micallef

**Kelmtejn mingħand iċ-Ċermen tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta**
A word by the Valletta Cultural Agency Chairman



**Is-sena 2025 ikkonfermat li l-Belt Valletta tibqa' protagonista. Rajna t-toroq tagħna jimtlew b'nies għatxana għas-sens ta' komunità u l-konnessjoni umana. Dan l-għatx kollettiv huwa dak li jixpruna l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta llum.**

**Matul l-2025, folol kbar attendew għall-avvenimenti tagħna. Eluf ingħaqdu magħna biex jiċċelebraw il-kreattività tal-artisti tagħna waqt il-Valletta Green Festival, il-Valletta Local Food Festival, l-esibizzjoni Antler Cry, Opera in the Capital, Christmas in the Capital, u ċ-Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena fil-Belt Valletta. Dawn l-avvenimenti kibru b'mod sinifikanti tant li saru tradizzjoni li tiġi b'mod naturali għal eluf ta' familji.**

**Hekk kif id-dinja qed tersaq lejn teknoloġija li tantiċipa l-futur u mudelli diġitali, aħna nibqgħu impenjati li noffru xi ħaġa differenti għal kollox: il-mumenti mhux ipproċessati u mhux miktuba li jiġru biss meta wieħed jitbiegħed mill-iskrins li jiddominaw il-ħajja tal-lum. Hemm sbuħija partikolari meta taprezza dak li jgħaddi minnu artist, jew il-mod kif tinstema vuċi hekk kif tidwi mill-ħitan għoljin ta' palazz. Meta tipparteċipa fil-proġetti magħna, tkun qed tipparteċipa f'xi ħaġa li ma tistax titniżżel minn fuq sit elettroniku jew tiġi ripetuta; tappartjeni biss lil dawk li kienu hemm biex igawduha. Ħerqanin biex nistednukom għall-programm kulturali il-ġdid tagħna għall-2026.**

The year 2025 confirmed that Valletta remains a protagonist. We watched our streets fill with people seeking a pulse, craving the warmth of a crowd and the simple, physical reality of human connection. This collective hunger is what drives the Valletta Cultural Agency today.

Throughout 2025, crowds flocked to our flagship events. Thousands joined us to celebrate the creativity of our artists at the Valletta Green Festival, the Valletta Local Food Festival, our exhibition Antler Cry, Opera in the Capital, Christmas in the Capital events, and the Valletta National New Year's Eve celebrations. These events have grown so significantly that they have become a natural tradition for thousands of families.

As the world drifts toward predictive logic and digital patterns, we remain committed to offering something else entirely: the raw, unscripted moments that only happen when you leave the safety of a screen behind. There is a specific beauty in the visible strain of a performer's muscle, or the way a voice catches as it echoes off the high walls of a palazzo. When you stand in the street with us, you are participating in a singular event that cannot be downloaded or repeated; it belongs only to those who were there to breathe it in. It is with great pride that we invite you to our new cultural programme for 2026.

# Catherine Tabone

**Kelmtejn mingħand l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta**
A word by the Valletta Cultural Agency Chief Executive Officer



**Il-kalendarji jżommuna marbutin u ffukati. Permezz tagħhom inkunu nistgħu norganizzaw il-ħajja tagħna ta' kuljum b'sens ta' skop. Il-kalendarji kulturali jmorru pass lil hinn minn dan: dawn jagħtu kulur lir-rutina tagħna u jimlewha b'sens ta' passjoni u tama. Il-kalendarji kulturali huma wkoll mezz ta' kif persuni ta' nazzjonalità, ġeneru u twemmin differenti jingħaqdu flimkien għal xi prestazzjoni, kollaborazzjoni u anki korrispondenzi soċjali. Dan il-bini ta' konnessjonijiet kulturali huwa l-etos li fuqu l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta bniet l-objettivi u implimentat il-wegħdiet tagħha. Il-programm ta' din is-sena huwa wieħed li minbarra li huwa konness ma' diversi festi tradizzjonali tas-sena bħalma huma l-Għid il-Kbir u l-Milied, qed joffri wkoll**

**l-innovazzjoni permezz tal-ispettaklu. Mis-sens viżiv, għal dak tas-smigħ u tax-xamm, il-programm ta' din is-sena huwa litteralment festa għas-sensi kollha tal-bniedem. Dan il-programm huwa miżgħud b'attivitajiet li n-nies tkun dejjem tixtieq u oħrajn ġodda u li jkomplu jattiraw dejjem aktar nies fil-belt kapitali tagħna. Għaldaqstant għal darb'oħra dan il-programm kulturali huwa riflessjoni tar-reputazzjoni li l-Aġenzija rnexxielha tikseb tul dawn l-aħħar tmien snin.**

Calendars keep us anchored and focused. Through them, we can organise our daily lives with a sense of purpose. Cultural calendars go one step further: they colour up the routine, inject it with passion and hope. Cultural calendars are also a means of bringing people of different race, gender and creed together through performance, networking and also social interaction. This cultural connecting has been the ethos on which the Valletta Cultural Agency has built its objectives and implemented its promises. This year's programme is one that apart from engaging with the traditional festivals of the year, namely, Easter and Christmas, also offers innovation through spectacle. From addressing the visual, aural, and olfactory, this year's offering is a feast for the senses, literally.
True to the reputation the VCA has garnered over the past eight years, this is again a programme that is wholly desirable, fresh and compelling.


1917
BOV





# MaltaBiennale '26

**L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta qed tipparteċipa fit-tieni edizzjoni tal-Biennale ta' Malta li se tittella' fir-rebbiegħa bil-kuratriċi internazzjonali rinomata, Rosa Martinez bħala direttur artistiku. Il-Biennale ta' Malta sservi bħala pjattaforma tal-arti kontemporanja li tiffoka fuq diversi temi pertinenti u prevalenti fil-Mediterran. It-tema magħżula hija: Tnaddaf | Tgħarraf | Tferraq.**

The Valletta Cultural Agency is participating in the second edition of the Malta Biennale taking place in spring with acclaimed international curator, Rosa Martinez as artistic director. The Malta Biennale serves as a contemporary art platform focusing on several themes pertinent to and prevalent within the Mediterranean. The chosen theme for this edition is: Clean | Clear | Cut.

## 11.03 - 29.05

**Madwar il-Belt Valletta // Around Valletta**

# Il-Mixegħla tal-Ġimgħa Mqaddsa

**Pjazza San Ġorġ, fil-qalba tal-Belt Valletta, tiddi matul il-Ġimgħa Mqaddsa b'mijiet ta' fjakkoli li, bi tkomplija tat-tradizzjoni li tat bidu għaliha l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, joħolqu installazzjoni li toħloq sens ta' ġabra. Din l-esperjenza immersiva tittrasforma l-pjazza fi spazju trankwill fil-Belt Valletta fejn kemm ir-residenti kif ukoll il-viżitaturi jsibu spazju uniku għar-riflessjoni.**

St George's Square, in the heart of Valletta, will be lit up during Holy Week with hundreds of fire bowls that, continuing the tradition started by the Valletta Cultural Agency, will create an installation that creates a sense of togetherness. This immersive experience will transform the square into a tranquil space in Valletta where both residents and visitors find a unique space for reflection.

## 01.04 - 03.04

**Pjazza San Ġorġ // St George's Square**





# Valletta *Green* Festival

**Il-Valletta Green Festival jittrasforma l-qalba tal-Kapitali fi ġnien maġiku. Dan l-avveniment jippromwovi l-għarfien ambjentali filwaqt li jiġbor flimkien komunità ddedikata għas-sostenibbiltà. L-Eco Market joffri oġġetti sostenibbli, fosthom ġojjellerija, arti, u prodotti tas-sbuħija filwaqt li jrawwem stil ta' ħajja sostenibbli.**

The Valletta Green Festival transforms the heart of the Capital into a magical fantasy garden. Promoting the importance of environmental awareness, it brings together a community committed to sustainability while the Eco Market offers sustainable goods, including thrifted items, jewellery, art, and beauty products, fostering a greener way of living.

**30.04 - 10.05**

**Madwar il-Belt Valletta // Around Valletta**

# L-Aqwa 20 tal-Maltin

**L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta stiednet lill-pubbliku sabiex jivvota għall-kanzunetta Maltija favorita tiegħu, miktuba u interpretata bil-Malti, li ħarġet bejn l-1975 u l-2005. L-aktar 20 kanzunetta popolari se jkunu interpretati f'kunċert live minn fost l-aqwa kantanti lokali stabbiliti akkumpanjati minn orkestra taħt id-direzzjoni tal-Maestro Paul Abela.**

The Valletta Cultural Agency invited the public to vote for their favourite Maltese song, written and performed in Maltese and released between 1975 and 2005. The 20 most popular songs will be performed live in concert by some of the best established local singers accompanied by an orchestra under the direction of Maestro Paul Abela.

## 30.05

**Pjazza San Ġorġ // St George's Square**






# Opera *in the* Capital

**Imtella' f'wieħed mill-aktar postijiet ikoniċi tal-Belt Valletta, Opera in the Capital jiċċelebra s-sbuħija tal-opra filwaqt li joffri esperjenza kulturali unika u aċċessibbli għal kulħadd fil-qalba tal-Belt Valletta.**

Set against the backdrop of one of Valletta's most iconic locations, Opera in the Capital celebrates the beauty of opera and offers a unique cultural experience in Malta's vibrant capital city that is accessible to all.

## 27.06

**Pjazza San Ġorġ // St George's Square**

# Valletta *Local* *Food* Festival



**Issa fil-ħames edizzjoni tiegħu, il-Valletta Local Food Festival ikompli jibni fuq is-suċċess tas-snin ta' qabel, billi jiċċelebra l-wirt kulinari għani Malti. Il-festival se jkun qed jittella' għal darb'oħra f'kollaborazzjoni mal-Malta Food Agency u se joffri xelta ta' prodotti lokali u togħmiet tradizzjonali, billi jlaqqa' flimkien koki, artiġjani tal-ikel, u produtturi ta' firxa wiesgħa ta' oġġetti kulinari inkluż ġobnijiet, chutneys, pasti, ħelu, delicatessen, u xorb, filwaqt li jerġa' jagħti l-ħajja lil prodotti bażiċi mill-passat biex nippreservaw il-wirt kulinari tagħna.**

Now in its fifth edition, the Valletta Local Food Festival continues to build on the success of previous years, celebrating Malta's rich culinary heritage. The festival will once again be held in collaboration with the Malta Food Agency showcasing local produce and traditional flavours, bringing together chefs, food artisans, and producers of a wide range of culinary items including cheeses, chutneys, pastries, sweets, delicatessen, and beverages, whilst also reviving staples from the past to preserve our culinary legacy.

## 03.07 - 05.07

**Pjazza San Ġorġ // St George's Square**



# Valletta *Pageant* of the *Seas*

**Dan l-avveniment tant mistenni li jittella' kull sentejn jirritorna fil-Port il-Kbir fis-sajf tal-2026, bi spettaklu grandjuż li issa sar sinonimu ma' din is-serata mtella' mill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta. L-edizzjoni ta' din is-sena twiegħed produzzjoni viżwalment impressjonanti, b'diversi elementi li jdawlu l-Port il-Kbir kif kapaċi jagħmel biss il-Valletta Pageant of the Seas.**

This much-awaited biannual event returns to the Grand Harbour in the summer of 2026, with a grand show that has become synonymous with the Valletta Cultural Agency. This year's edition promises a visually striking production, featuring several elements set to light up the Grand Harbour in true Valletta Pageant of the Seas fashion.

## 24.07

**Il-Port il-Kbir // The Grand Harbour**

# Between Two Points

**Between Two Points hija wirja ta' xogħlijiet b'midja mħallta tal-artist Paul Camilleri u kkurata mill-Prof. Vince Briffa. Il-kompożizzjonijiet astratti li fil-fond tagħhom għandhom għeruq figurattivi, huma mibnija permezz ta' saffi ta' drappijiet tal-għażel u tal-qoton bħal collage, li joħolqu forom qawwija li jidhru sospiżi fuq sfondi kromatiċi gradwati b'mod sottili. Għalkemm jidhru sempliċi, ix-xogħlijiet jiżvelaw proċess metikoluż iffurmat mill-esperjenza ta' Camilleri fl-arkitettura u t-tessuti. Camilleri ilu jesibixxi mill-2020 u qed ikun dejjem aktar imfittex lokalment u barra minn Malta.**

Between Two Points showcases mixed-media works by Malta-based painter Paul Camilleri and curated by Prof. Vince Briffa. His abstract yet figuratively rooted compositions are built through a collage-like layering of linen and cotton fabrics, creating bold forms that appear suspended against subtly graded chromatic backgrounds. Though seemingly simple, the works reveal a meticulous process shaped by Camilleri's experience in architecture and textiles. Camilleri has exhibited since 2020 and is increasingly sought after both locally and abroad.

**04.12.26 - 10.01.27**

**Il-Palazz tal-Gran Mastru // Grandmaster's Palace**





# Christmas *in the* Capital

**Christmas in the Capital jittrasforma l-qalba tal-Kapitali b'dawl ikkulurit fit-toroq, il-presepju, u s-siġra tal-Milied, prestazzjonijiet live, divertiment fit-toroq, u bosta attivitajiet għall-familja li joħolqu atmosfera maġika tal-vaganzi għal kull min iżur il-Belt Valletta f'dan iż-żmien.**

Christmas in the Capital transforms the heart of the capital with beautiful street decorations, a nativity crib, and the iconic Christmas tree. Live performances, street animations, and exciting family activities create a magical holiday atmosphere for everyone to enjoy.

## 25.11 - 31.12

**Madwar il-Belt Valletta // Around Valletta**

# The National *New Year's* Eve Celebrations



**Temm is-sena bil-kbir biċ-ċelebrazzjonijiet nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena fil-Belt Valletta, li jinkludu spettaklu bil-parteċipazzjoni ta' uħud mill-aqwa kantanti u mużiċisti lokali u artisti internazzjonali, kif ukoll wirja ta' logħob tan-nar spettakolari fil-Port il-Kbir.**

Bid farewell to 2025 with the grandeur of Valletta's National New Year's Eve celebrations, featuring some of the best local singers and musicians and international artists as well as a spectacular Grand Harbour fireworks display.

**31.12**

**Pjazza San Ġorġ // St George's Square**







# The Valletta *Design Cluster* turns 5!

**Din is-sena timmarka ħames snin minn meta fetaħ il-bibien tiegħu il-Valletta Design Cluster, u sar hub vibranti għall-kreattività, il-kollaborazzjoni, u l-komunità. Biex niċċelebraw dan l-avveniment importanti, qed nippreżentaw programm speċjali ta' attivitajiet li jiċċelebra t-talent, il-kurżità, u l-immaġinazzjoni li sawru l-Cluster sa mill-bidu tiegħu. Ingħaqdu magħna biex niċċelebraw dawn l-aħħar ħames snin flimkien u nħarsu 'l quddiem għal ħafna aktar mumenti ta' ħolqien, tagħlim, u attivitajiet flimkien.**

This year marks five years since the Valletta Design Cluster opened its doors, becoming a vibrant home for creativity, collaboration, and community. To celebrate this milestone, we're delighted to present a special programme of activities that showcases the talent, curiosity, and imagination that have shaped the Cluster since its beginning. Join us as we honour the past five years and look forward to many more moments of making, learning, and coming together.

# From Biċċerija to Cluster



**Din l-esibizzjoni retrospettiva tittratta l-vjaġġ notevoli tal-bini storiku tal-Biċċerija u t-trasformazzjoni tiegħu fil-Valletta Design Cluster li nafu llum. Permezz ta' ritratti u dokumenti, din l-esibizzjoni turi l-passat varjat tal-bini, l-isfidi u l-aspirazzjonijiet li sawru r-restawr tiegħu, u l-proċess tad-disinn li ta ħajja ġdida lill-ħitan qodma tiegħu. From Biċċerija to Cluster tistieden lill-viżitaturi biex jesploraw kif il-wirt u l-kreattività jingħaqdu flimkien fi spazju li issa jservi bħala ċentru għall-komunità, is-snajja u l-innovazzjoni.**

This retrospective exhibition traces the remarkable journey of the historic Biċċerija building and its transformation into today's Valletta Design Cluster. Through images, and documents, it reveals the building's varied past, the challenges and aspirations that shaped its restoration, and the design process that brought new life to its old walls. From Biċċerija to Cluster invites visitors to explore how heritage and creativity come together in a space that now serves as a hub for community, craft, and innovation.

**27.03 – 31.05**



# EcoMarket *joins* *Tinkering* Day

**Din hija opportunità unika biex tesplora l-kreattività, snajja varji, u l-għajxien eko-konxju, kollha taħt saqaf wieħed. Waqt Tinkering Day 2026 se jkun hemm ukoll il-parteċipazzjoni ta' Eco Market Malta. Ejja u ħu sehem f'workshops interattivi, DIY, lezzjonijiet tat-tisjir, ixtri oġġetti sostenibbli u ekoloġiċi mill-EcoMarket, iltaqa' ma' produtturi lokali, skopri prodotti sostenibbli, u gawdi atmosfera ta' komunità vivaċi għal kull età.**

In 2026, Tinkering Day joins forces with Eco Market Malta. Expect your favourite hands-on maker workshops, DIY demos, and creative cooking classes, now alongside a curated selection of sustainable, eco-friendly stalls, up-cycled crafts, and ethical lifestyle products from Eco Market. It's a unique opportunity to explore creativity, craftsmanship, and conscious living all under one roof. Try your hand at tinkering, meet local makers, discover sustainable goods, and enjoy a lively community atmosphere for all ages.

**12.04**

# Maker-in-Residence

## Matul is-Sena // Throughout the Year

**Disinjaturi u persuni u entitajiet kreattivi minn madwar id-dinja kollha huma mistiedna jipparteċipaw f'din ir-residenza ta' bejn ġimagħtejn u xahrejn biex jesploraw ideat ġodda, iwettqu riċerka u jiżviluppaw proġetti innovattivi permezz ta' aċċess għall-għodod u l-faċilitajiet avvanzati li joffri l-Valletta Design Cluster kif ukoll jinvolvu ruħhom mal-komunità kreattiva lokali.**

This is an open call for designers and makers from all over the world who are invited to participate in this two-week to two-month residency to explore new ideas, carry out research and develop ground-breaking projects through access to the state-of-the-art tools and facilities that the Valletta Design Cluster offers as well as engage with the local creative community.





Aktar informazzjoni
More information

# The Art of Making

## Matul is-Sena // Throughout the Year

The Art of Making huwa programm prattiku tal-Valletta Design Cluster li jistieden parteċipanti ta' kull età biex jinvolvu ruħhom direttament ma' proċessi, għodod u materjali kreattivi. Imsejsa fuq it-tagħlim bl-għemil, is-serje tiċċelebra l-ħolqien bħala mod ta' ħsieb, esplorazzjoni u konnessjoni, mill-fabbrikazzjoni diġitali u t-teknoloġiji emerġenti sal-artiġjanat tradizzjonali u l-ħiliet ta' kuljum.

Matul is-sena, il-programm jinkludi firxa diversa ta' workshops u attivitajiet, inklużi sessjonijiet introduttorji bażiċi fil-mudellar 3D, ir-rakkmu u t-teknoloġiji tat-tessuti, ir-robotika u l-ipprogrammar tal-kompjuter, ix-xogħol tal-injam, il-ħjata u x-xogħol bit-tafal. Iddisinjati biex ikunu aċċessibbli u jilqgħuk, dawn l-avvenimenti jappoġġjaw lil dawk li għadhom jibdew filwaqt li joffru wkoll ħiliet siewja għal kull min hu interessat li jiżviluppa għarfien prattiku.

Il-Valletta Design Cluster jospita wkoll il-Maker Club, klabb soċjali b'laqgħat regolari li jipprovdi spazju mgħammar għall-anzjani biex jaħdmu fuq proġetti personali, jaqsmu l-ħiliet tagħhom flimkien u jgawdu l-proċess kreattiv flimkien f'ambjent ta' appoġġ.

The Art of Making is a hands-on programme by the Valletta Design Cluster that invites participants of all ages to engage directly with creative processes, tools, and materials. Rooted in learning by doing, the series celebrates making as a way of thinking, exploring, and connecting, from digital fabrication and emerging technologies to traditional crafts and everyday skills.

Throughout the year, the programme features a diverse range of workshops and activities, including introductory sessions in 3D modelling, embroidery and textile technologies, basic robotics and coding, woodworking, sewing, and clay work. Designed to be accessible and welcoming, these events support beginners while also offering valuable skills for curious makers, creatives, and anyone interested in developing practical, hands-on knowledge.

Complementing the workshop programme, the Valletta Design Cluster also hosts the Maker Club, a regular social making meet-up that provides a welcoming space for seniors to work on personal projects, share skills, and enjoy the creative process together in a supportive environment.

## 28.01, 04.02

**Fusion 360: Tgħallem kif toħloq mudelli 3D**
Fusion 360 Basics: Learn to Model in 3D

## 27.02

**Ibni Ajruplan tal-Injam (miftuħ għal familji bi tfal ta' 10 snin+)**
Build a Wooden Plane (open to families with children 10 years+)

## 05.06, 05.11

**Tgħallem kif tuża Magna tar-Rakkmu Industrijali**
Learn how to use an Industrial Embroidery Machine

## 11.09

**Esplora r-Robotika Bażika bil-Microbots**
Explore Basic Robotics with Microbots

## 13.11

**Workshop tal-Ħjata: Tgħallem kif issewwi u tirranġa l-ħwejjeġ**
Fix & Fit: Clothing repair and Alterations Workshop

## 04.12

**Idejn fit-Tafal: workshop introduttorju**
Clay Jam: Introductory Workshop



# Studio Sessions

## Matul is-Sena // Throughout the Year

Il-Valletta Design Cluster jagħti spazju lill-prattika kreattiva permezz ta' taħditiet, workshops, sessjonijiet ta' feedback, u studjos miftuħa. Is-serje tistieden lil artisti, disinjaturi, periti, produtturi tal-films, mużiċisti, u nies tas-sengħa biex jaqsmu l-proċessi, ir-riċerka, u l-vjaġġi professjonali tagħhom f'ambjent intimu.

Matul is-sena, is-Sessjonijiet mill-Istudjo tagħna jippreżentaw programm varjat li jinkludi ħolqien prattiku, sperimentazzjoni bil-materjali, taħditiet mal-artisti, u diskussjonijiet prattiċi dwar il-prattika kreattiva u s-sostenibbiltà. L-avvenimenti jesploraw dixxiplini bħall-collage u l-legatura tal-kotba, il-produzzjoni tal-films, il-kitba tal-kanzunetti, l-arkitettura, is-sengħa tal-ġilda, it-tekniki tal-ikkastjar, it-tiswija, u l-arti kontemporanja, u jipprovdu lill-parteċipanti b'opportunitajiet biex jitgħallmu direttament mingħand il-prattikanti, jaqsmu l-ideat flimkien, u jiksbu għarfien dwar ix-xogħol kreattiv u professjonali.

Iddisinjati għal kreattivi fi stadji differenti, minn studenti u prattikanti emerġenti għal membri kurjużi tal-pubbliku, is-Sessjonijiet mill-Istudjo jrawmu ambjent ta' appoġġ għad-djalogu, l-esperimentazzjoni, u l-bini tal-komunità fi ħdan il-Valletta Design Cluster.



**Aktar informazzjoni**
More information

The Valletta Design Cluster offers in-depth encounters with creative practice through talks, workshops, feedback sessions, and open studios. The series invites artists, designers, architects, filmmakers, musicians, and craftspeople to share their processes, research, and professional journeys in an intimate, studio-based setting.

Across the year, our Studio Sessions present a varied programme encompassing hands-on making, material experimentation, artist talks, and practical discussions around creative practice and sustainability. Events explore disciplines such as collage and bookbinding, filmmaking, songwriting, architecture, leathercraft, casting techniques, visible mending, and contemporary art, providing participants with opportunities to learn directly from practitioners, exchange ideas, and gain insight into both creative and professional workflows.

Designed for creatives at different stages, from students and emerging practitioners to curious members of the public, Studio Sessions foster a supportive environment for dialogue, experimentation, and community-building within the Valletta Design Cluster.

# What's on

## 07.02

**Oħloq Kartolina u Djarju għal Jum San Valentinu mal-Artisti Anna Calleja u Francesca Zammit**
Create a Valentine's / Galentine's Collaged Card & Scrappy Notebook with Artists Anna Calleja & Francesca Zammit

## 26.02

**Il-Ħolqien tal-film Luzzu mad-direttur u awtur Alex Camilleri**
Making Luzzu with Filmmaker Alex Camilleri

## 04.03

**Il-Ħolqien tal-Kanzunetti: Feedback dwar il-Kitba tal-Kanzunetti mal-Mużiċisti Michael Azzopardi u Yasmin Kuymizakis**
Songs in the Making: Songwriting Feedback with Musicians Michael Azzopardi and Yasmin Kuymizakis

## 18.04

**Bastions: Introduzzjoni Prattika għall-Manifattura u l-Immuntar ta' Forom Arkitettoniċi mal-Periti ta' KUBU**
Bastions: A Practical Introduction to Architectural Mould-making and Assembly with KUBU Architects

## 25.04

**Għarfien bażiku dwar is-Sengħa tal-Ġilda mal-Artiġjani Pai u Ye ta' Leather Trove**
Basics of Leathercraft and Vegetable-tanned Leather with Artisans Pai and Ye of Leather Trove

## 06.05

**Lezzjonijiet minn Start-Up tal-Arkitettura mal-Periti Mark Cauchi u James Dingli**
Lessons from an Architecture Start-Up with Architects Mark Cauchi and James Dingli

## 15.05

**MOTHERLAND: Taħdita mal-Artista Nina Gerada**
MOTHERLAND: An Artist Talk with Nina Gerada

## 13.06

**Erożjoni: Nesploraw l-ikkastjar bix-Xemgħa u r-Rinfurzar bit-Tessuti mal-Periti ta' KUBU**
Erosion: Exploring Wax Casting and Textile Reinforcement with KUBU Architects

## 01.08

**Oħloq Brazzuletta tal-Ġilda Unika mal-Artiġjani Pai u Ye ta' Leather Trove**
Create a Unique Leather Bracelet with Artisans Pai and Ye of Leather Trove

## 10.10

**Studjo Miftuħ mal-Artista Anna Calleja**
Open Studio with Artist Anna Calleja

## 22.10

**It-Tiswija Viżibbli fil-ħwejjeġ mal-Ħajjata u Disinjatriċi Roberta Micallef**
Visible Mending with Seamstress and Designer Roberta Micallef






# Community Member Events

## Matul is-Sena // Throughout the Year

L-Avvenimenti għall-Komunità tal-Membri huma parti ewlenija mill-programm tal-Valletta Design Cluster, imfassal biex jappoġġja t-tkabbir, il-viżibilità, u l-konnettività tal-komunità kreattiva tiegħu. Din il-fergħa tiffoka fuq l-iżvilupp professjonali, l-iskambju tal-għarfien, u n-networking, u toffri lill-membri u lill-membri prospettivi għodod prattiċi biex isaħħu l-prattika kreattiva tagħhom u jsostnu x-xogħol tagħhom.

Matul is-sena, il-programm jinkludi sessjonijiet ta' informazzjoni dwar il-finanzjament, workshops dwar in-negozju u l-intraprenditorija, taħditiet tematiċi dwar id-disinn, żjarat iggwidati u avvenimenti ta' informazzjoni dwar is-sħubija, u laqgħat informali ta' networking. Dawn l-attivitajiet jindirizzaw suġġetti ewlenin bħall-aċċess għall-finanzjament, l-ippjanar tan-negozju għall-industriji kulturali u kreattivi, id-djalogu pubbliku dwar id-disinn, u opportunitajiet biex wieħed jiltaqa' ma' kollegi fid-dixxiplini kollha f'ambjent ta' appoġġ u kollaborattiv.

Id-djalogu pubbliku dwar id-disinn huwa l-qalba ta' FiftySix, kollaborazzjoni bejn il-Valletta Design Cluster u I+A, li trawwem id-djalogu bejn il-prattikanti u dawk li jfasslu l-politika permezz ta' workshops, il-ġbir tal-għarfien, u diskussjonijiet pubbliċi fuq żewġ ċikli ta' sitt xhur.

Żviluppati f'kollaborazzjoni ma' msieħba lokali u nazzjonali, l-Avvenimenti għall-Komunità tal-Membri jirrispondu għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-komunità tal-Valletta Design Cluster, u joħolqu spazji għat-tagħlim, l-iskambju, u t-tkabbir professjonali fit-tul.

Member Community Events are a core part of the Valletta Design Cluster programme, designed to support the growth, visibility, and connectivity of its creative community. This strand focuses on professional development, knowledge exchange, and networking, offering members and prospective members practical tools to strengthen their creative practice and sustain their work.

Across the year, the programme includes funding information sessions, business and entrepreneurship workshops, thematic design talks, guided tours and membership information events, and informal networking gatherings. These activities address key topics such as access to funding, business planning for the cultural and creative industries, and opportunities to connect with peers across disciplines in a supportive and collaborative environment.

Public dialogue around design is the focus of FiftySix, a design-led collaboration between the Valletta Design Cluster and I+A, which fosters dialogue between practitioners and policymakers through workshops, insight-gathering, and public discussions over two six-month cycles.

Developed in collaboration with local and national partners, Member Community Events respond to the evolving needs of the Valletta Design Cluster community, creating spaces for learning, exchange, and long-term professional growth.

## 18.02

**Skopri Opportunitajiet ta' Finanzjament ma' Xjenza Malta u MEIA**
Discover Funding Opportunities with Xjenza Malta and MEIA

## 04.06, 25.11

**FiftySix: Sessjonijiet b'Tema**
Fifty Six Design Talks: Thematic Panel Sessions

## 16.07

**Sip & Design: Networking fil-Cluster**
Sip & Design: Networking at the Cluster

## 25.03, 16.09

**Sir Parti mill-Valletta Design Cluster! Sessjoni ta' Informazzjoni, Tour u Networking**
Become Part of the Valletta Design Cluster!
Info Session, Tour and Networking)

## 25.06

**Introduzzjoni għad-Drittijiet tal-Propjetà Intellettwali fil-Qasam Kreattiv ma' Dr Jeanine Rizzo**
Basics of Intellectual Property Rights for Creatives Workshop by Dr Jeanine Rizzo

## 19.11

**Oħloq Pjan għan-Negozju Kreattiv Tiegħek ma' JA Malta**
Build Your Creative Business Plan with JA Malta



# Become *a Valletta* Design Cluster Member

**Il-Valletta Design Cluster huwa ċentru vibranti għall-kreattività, l-innovazzjoni, u l-kollaborazzjoni fil-Belt Valletta. Fil-qalba tiegħu hemm skema ta' sħubija li tappoġġja lill-prattikanti kulturali u kreattivi billi tipprovdi aċċess għal spazji, għodod, komunità, u opportunitajiet biex isaħħu l-prattika tagħhom.**

**Is-sħubija fil-Cluster għandha żewġ kategoriji ewlenin, Sħubija Regolari u Sħubija fi Studio, u kull tip ta' sħubija toffri livelli differenti ta' aċċess skont l-għanijiet, il-prattika u x-xogħol tiegħek.**

The Valletta Design Cluster is a vibrant hub for creativity, innovation, and collaboration in the heart of Valletta. At its core is a membership scheme that supports cultural and creative practitioners by providing access to space, tools, community, and opportunities to grow their practice.

Membership at the Cluster runs across two main strands, Regular Membership and Studio-Based Membership, each offering different levels of access depending on your goals, practice and commitment.




# Regular Membership

**Is-Sħubija Regolari toffri lill-persuni, entitajiet u organizzazzjonijiet kreattivi aċċess flessibbli għall-faċilitajiet kondiviżi u l-ħajja komunitarja tal-Cluster.**

**Il-membri regolari jistgħu jużaw l-ispazju ta' ko-ħidma, diversi kmamar tal-laqgħat, il-Makerspace mgħammar għax-xogħol tal-injam, xogħol tal-metall, tessuti, elettronika, stampar 3D u aktar, il-Foodspace li jinkludi faċilitajiet ta' taħriġ u kċina industrijali, u s-Sala Friggieri li tista' tintuża għal avvenimenti u preżentazzjonijiet. Li tkun Membru Regolari jinkludi wkoll opportunitajiet biex toħloq konnessjonijiet ġodda ma' prattikanti bħalek li jaħdmu f'dixxiplini differenti, u tieħu sehem f'workshops, diskussjonijiet u avvenimenti komunitarji.**

**Din is-sħubija hija miftuħa għal individwi, studenti (aktar minn 18-il sena), freelancers lokali, start-ups, nano u mikro intrapriżi, NGOs u organizzazzjonijiet volontarji, organizzazzjonijiet komunitarji bbażati fil-Belt Valletta, u entitajiet pubbliċi attivi fi prattiki relatati mad-disinn, l-impatt soċjali jew xogħol ibbażat fuq il-kreattività.**

Regular Membership offers creators and organisations flexible access to the Cluster's shared facilities and community life.

Regular members can use the co-working space, multiple meeting rooms, the Makerspace equipped for woodworking, metalwork, textiles, electronics, 3D printing and more, the Foodspace including training and industrial kitchen facilities, and the Friggieri Hall for events and presentations. Being a Regular Member also includes opportunities to connect with like-minded practitioners across disciplines, engage in workshops and discussions, and take part in community events.

This membership is open to individuals, students (over 18), local freelancers, start-ups, nano and micro enterprises, NGOs and voluntary organisations, Valletta-based community organisations, and public entities active in design-related practices, social impact or maker-based work.

# Temporary *Studio* Membership



**L-Iskema ta’ Sħubija Temporanja fi Studjo tipprovdi spazju privat fi ħdan il-Cluster għal persuni u entitajiet kreattivi li jeħtieġu spazju tax-xogħol iddedikat għal proġetti speċifiċi.**

**Disponibbli għal minimu ta’ xahar u massimu ta’ sitt xhur, din is-sħubija hija ideali għal disinjaturi, entitajiet u prattikanti kreattivi li jeħtieġu spazju ffukat biex jiżviluppaw jew itemmu proġett. Il-Membri Temporanji fi Studjo jingħataw ukoll aċċess għall-faċilitajiet kondiviżi tal-Cluster inklużi kmamar tal-laqgħat, il-Makerspace u l-Foodspace.**

**Għal din is-sħubija huma eliġibbli freelancers u entitajiet irreġistrati legalment li jaħdmu fid-disinn tal-prodotti, l-arti viżiva u diġitali, id-disinn sostenibbli, il-moda, id-disinn tal-logħob u dixxiplini oħra relatati mad-disinn.**

**Il-Membri Temporanji fi Studjo huma mistennija li jagħtu kontribut fil-komunità permezz ta’ attivitajiet bħal workshops pubbliċi, taħditiet, jew artikli ppubblikati fuq in-newsletter tal-Valletta Design Cluster.**

The Temporary Studio Membership Scheme provides private studio space within the Cluster for creatives who require dedicated workspace for specific projects.

Available for a minimum of one month and a maximum of six months, this membership is ideal for designers, makers and creative practitioners needing focused space to develop or complete a project. Temporary Studio Members also receive access to the Cluster’s shared facilities including meeting rooms, the Makerspace and the Foodspace.

Eligibility includes freelancers and legally registered entities working in product design, visual and digital arts, sustainable design, fashion, game design and other design-related disciplines. Temporary Studio Members contribute to the community through activities such as a public workshop, talk, or an article published on the VDC’s newsletter.



# Annual Studio Membership

**Is-Sħubija Annwali fi Studjo toffri aċċess fit-tul għal spazju ta’ studjo ddedikat għal prattikanti u entitajiet kreattivi ġodda u organizzazzjonijiet li qed ifittxu li jiżviluppaw il-prattika tagħhom fuq perjodu estiż.**

**Il-Membri fi Studjo jidħlu fi studjo privat għal sena (li tiġġedded kull sena sa massimu ta’ tliet snin), filwaqt li jgawdu wkoll minn aċċess sħiħ għall-faċilitajiet kondiviżi tal-VDC bħal kmamar tal-laqgħat, il-Makerspace u l-Foodspace. Il-Membri Annwali fi Studjo jikkontribwixxu b’mod attiv fil-komunità tal-Cluster permezz ta’ workshops, taħditiet, laqgħat komunitarji u attivitajiet ta’ involviment pubbliku.**

**Din is-sħubija hija miftuħa għal organizzazzjonijiet kreattivi rreġistrati legalment, start-ups, kooperattivi, u freelancers li jaħdmu fid-disinn u dixxiplini relatati bħad-disinn industrijali u grafiku, l-arti viżiva u diġitali, id-disinn sostenibbli u l-prattiki bbażati fuq il-kreattività.**

Annual Studio Membership offers long-term access to a dedicated studio space for emerging creatives and organisations looking to develop their practice over an extended period.

Studio Members move into a private studio for one year (renewable annually up to three years), while also enjoying full access to VDC’s shared facilities such as meeting rooms, the Makerspace and the Foodspace. Annual Studio Members actively contribute to the Cluster community through workshops, talks, community meetings and public engagement activities.

This membership is open to legally registered creative organisations, start-ups, cooperatives, and freelancers working in design and related disciplines such as industrial and graphic design, visual and digital arts, sustainable design and maker-based practices.



# Members' Training Sessions

**Bħala parti mill-impenn tagħna għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-kondiviżjoni tal-għarfien, il-Valletta Design Cluster joffri sessjonijiet ta' taħriġ esklussivi għall-membri matul is-sena. Dawn il-workshops jipprovdu gwida prattika dwar l-użu tal-Makerspace u t-tagħmir speċjalizzat tiegħu, u jappoġġjaw lill-membri fl-iżvilupp tal-kunfidenza teknika u fl-espansjoni tal-kapaċitajiet kreattivi tagħhom.**

**Fl-2026, il-programm jinkludi serje ta' sessjonijiet iffukati fuq l-użu ta' makkinarju tas-CNC fl-injam, l-akrilika u l-metall, u tekniki ta' produzzjoni diġitali bħall-istampar 3D, il-qtugħ bil-lejżer, ir-rakkmu industrijali, u l-ħjata. Iddisinjati biex jakkomodaw livelli varji ta' esperjenza, dawn is-sessjonijiet jippermettu lill-membri jesploraw għodod, materjali u proċessi ġodda b'mod sigur u effettiv, isaħħu l-prattiki tal-manifattura tagħhom u jappoġġjaw it-tkabbir professjonali.**

As part of its commitment to skills development and knowledge-sharing, the Valletta Design Cluster offers exclusive training sessions for members throughout the year. These hands-on workshops provide practical guidance on using the Makerspace and its specialised equipment, supporting members in developing technical confidence and expanding their creative capabilities.

In 2026, the programme includes a series of sessions focusing on the use of CNC machinery for woodworking acrylic and metalworking, and digital production techniques such as 3D printing, laser cutting, industrial embroidery, and sewing. Designed to accommodate varying levels of experience, these sessions enable members to safely and effectively explore new tools, materials, and processes, strengthening their making practices and supporting professional growth.



**Aktar informazzjoni**
More information

# TWENTY/26

## JAN

**28.** Fusion 3D Basics: Learn to Model in 3D
Valletta Design Cluster

## FEB

**18.** Discover Funding Opportunities with Xjenza Malta and MEIA
Valletta Design Cluster

**04.** Fusion 3D Basics: Learn to Model in 3D
Valletta Design Cluster

**26.** Making of the film *Luzzu*
Valletta Design Cluster

---

**07.** Create a Valentine's / Galentine's Collaged Card & Scrappy Notebook
Valletta Design Cluster

**27.** Build a Wooden Plane
Valletta Design Cluster

## MAR

**25.** Become Part of the Valletta Design Cluster!
Valletta Design Cluster

---

**04.** Songs in the Making: Songwriting Feedback
Valletta Design Cluster

**27.03 – 31.05** Exhibition: From Biċċerija to Cluster
Valletta Design Cluster

---

**11.03 - 29.05** MaltaBiennale'26
Around Valletta

## APR

**18.** Introduction to Architectural Mould-making and Assembly
Valletta Design Cluster

---

**01.04 - 03.04**
Il-Mixegħla tal-Ġimgħa l-Kbira
St George's Square

**25.** Basics of Leathercraft and Vegetable-tanned Leather
Valletta Design Cluster

---

**12.** Eco Market joins Tinkering Day
Valletta Design Cluster

**30.04 - 10.05**
Valletta Green Festival
Around Valletta

## MAY

**15.** Mother Land: An Artist Talk with Nina Gerada
Valletta Design Cluster

---

**06.** Lessons from an Architecture Start-Up
Valletta Design Cluster

**30.**
L-Aqwa 20 tal-Maltin
St George's Square

## JUN

**13.** Erosion: Exploring Wax Casting and Textile Reinforcement
Valletta Design Cluster

---

**04.** Fifty Six Design Talks: Tematic Panel Sessions
Valletta Design Cluster

**25.** Basics of Intellectual Property Rights for Creatives
Valletta Design Cluster

---

**05.** Learn how to use an Industrial Embroidery Machine
Valletta Design Cluster

**27.** Opera in the Capital
St George's Square

## JUL

**16.** Sip & Design: Networking at the Cluster
Valletta Design Cluster

**03-05** Valletta Local Food Festival
St George's Square

**24.** Valletta Pageant of the Seas
The Grand Harbour

## AUG

**01.**
Create a Unique Leather Bracelet
Valletta Design Cluster

## SEP

**16.** Valletta Design Cluster Information Session
Valletta Design Cluster

**11.** Explore Basic Robotics with Microbots
Valletta Design Cluster

## OCT

**22.** Visible Mending withSeamstress and Designer Roberta Micallef
Valletta Design Cluster

**10.** Open Studio with Artist Anna Calleja
Valletta Design Cluster

## NOV

**25.11 - 31.12**
Christmas in the Capital
Valletta (Various Locations)

**05.** Learn how to use an Industrial Embroidery Machine
Valletta Design Cluster

**25.11** Fifty Six Design Talks: Thematic Panel Sessions
Valletta Design Cluster

**13.** Fix & Fit: Clothing repair and Alterations Workshop
Valletta Design Cluster

**19.** Create Your Creative Business Plan with JA Malta
Valletta Design Cluster

## DEC

**31.12** The National New Year's Eve Celebrations
St George's Square

**04.12** Clay Jam: Introductory Workshop
Valletta Design Cluster

**04.12.26 - 10.01.27**
Between Two Points
Grandmaster's Palace

**Valletta Cultural Agency**

Exchange Buildings
Republic Street
Valletta, VLT 1117
Malta

**w.** www.vca.gov.mt
**e.** info@vca.gov.mt
**t.** (+356) 2124 2018

**L-informazzjoni f'dan il-ktejjeb kienet korretta qabel intbagħtet għall-istampar. L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta tirriżerva d-dritt li temenda dati u dettalji oħra tal-attivitajiet tagħha f'kull ħin.**
The information on this booklet was correct at the time of going to print. The Valletta Cultural Agency reserves the right to amend dates and other event details at any time.

**Id-drittijiet kollha tar-ritratti użati huma propjetà tal-VCA u/jew tal-fotografu.**
All rights to the images belong to their respective owners.

VCA

VALLETTA
CULTURAL
AGENCY